# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru għaxra (10) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 4 ta' Lulju 2012, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nagħmlu portable cameras meta nagħmlu l-cameras tas-sigurta biex inkunu nistgħu nresquhom fejn hemm bżonn. Is-Sindku qal illi dan huwa l-pjan tiegħu. Qal illi l-postijiet fejn hemm l-ikbar bżonn ta sorveljenza huma l-Bring in Sites, il-Playing Fields u fejn joqogħdu maġġoranza t'anzjani [ref. 3.1].

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill tagħna, kif ukoll tal-Qrendi, ma rċieva l-ebda risposta mix-xufier tal-anzjani tad-Day Centre. [ref punt nru 3.2].

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Basketball rings għandhom jaslu l-Kunsill nhar it-Tnejn 9 ta' Lulju [ref punt nru. 3.4]. Il-kunsilliera qablu li l-Kunsill ma jżommx iċ-ċwievet tal-iskola u min jixtieq jilgħab għandu jiftiehem mal-iskola.

**Minħabba raġunijiet personali, il-kunsillier Publius Abdilla kellu jkun skużat mill-laqgħa għal ftit żmien [5.45pm].**

3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ispettur qal illi se jieħu ħsieb il-problema tal-garaxx fit-triq San Tumas [ref punt nru. 3.8].

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ma setax jiftiehem fuq ġurnata u ħin mal-perit Robert Musumeci [ref punt nru. 3.9] biex isir il-laqgħa biex jiġi diskuss il-kontijiet pendenti lejn il-perit. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandu jagħti discount wara l-problemi kollha li ffaċjajna minħabba nuqqasijiet tal-perit. Qal illi qabel hu kien tagħna discount ta 35%.

**Il-kunsillier Publius Abdilla reġa daħal għal laqgħa fis-6pm.**

3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ġew tal-Maltapost u ġiet diskussa il-possibilita li jkun hemm sub-post office tal-Maltapost ġol-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilitajiet u qalu li l-aħjar għażla tkun illi jiġu b'van tal-Maltapost u b'hekk nevitaw iżjed problemi għall-impjegati tal-Kunsill għal servizz illi mhux se jagħti wisq profit lejn il-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi naraw x'possibilitajiet hemm illi nibdew naċċettaw il-ħlas tal-kontijiet tal-Melita.

3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ippropona li l-kors ta' Non Smoking isir f'Awwissu minflok f'Lulju. Il-kunsilliera qablu u l-Kunsill għandu joħroġ avviz li se jsir dan il-kors.

3.8 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ma tantx ra boroż suwed fil-ġurnata li l-GreenPak bdew l-inizjattiva tagħhom.  Uħud mill-kunsilliera oħra qalu li kien hemm xi ftit illi ħarġu il-borża s-sewda.

3.9 Is-Sindku qal illi l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart, kif ukoll dak tal-kennies, qegħdin jgħidu li mhux xogħolhom illi jaqtaw il-ħaxix madwar ir-raħal. Il-Kunsill se jara min minnhom għandhom jagħmlu dan ix-xogħol, iżda kien hemm qbil bejn il-kunsilliera tal-leġislatura preċedenti li dan ix-xogħol kellu jsir mill-kuntrattur tal-knis. Il-kunsillier Publius Abdilla kien wieħed mill-kunsilliera li esprima dan il-ħsieb, waqt li qal illi dan għandu jwaddab dawn il-boroż fl-iskips approvduti mill-istess kumpanija tal-knis.

3.10 Is-Sindku qal illi kien avża lil persuna li tieħu ħsieb il-klassijiet tal-aerobics illi l-Kunsill ma setax jaqbel fuq il-ħlas għad-dumbells [ref punt nru. 4.2] iżda qal li għanda tibgħat l-istima għal dawn biex il-Kunsill ikollu ideja fuq kemm jiswew.

3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ġie l-persuna nkarigat biex jara l-kompjuters [ref punt nru 4.3] u qal illi disgħa minnhom għadhom jaħdmu. Dawn se jkollom bżonn ta' upgrading.

3.12 Is-Sindku qal illi rigward ilma li jinġabar fit-triq li tagħti għal Ħlantun [ref punt nru. 4.4] kull ma jrid isir huwa li jinfetaħ kanal hemmhekk.

3.13 Is-Sindku qal illi l-Perit qiegħed jgħid illi ma jaqbilx illi niftħu x-shelters taħt l-ewwel fażi, kif jixtieq il-Kunsill. Il-Kunsill jixtieq jieħu dan il-pass biex in-nies ikunu jistgħu jidħlu u jaraw ix-shelters qabel ma jsiru l-proġetti proposti fihom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ċempel lis-Sindku ta Għargħur u flimkien mas-Sindku għandna niftehmu biex is-Sindku u s-Segretarju jmorru jaraw ix-shelters tagħhom.

3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ħinijiet tal-Mużew huma 5:30-8 [it-Tnejn u l-Ħamis], 7-8 [it-Tlieta u l-Ġimgħa], 6-8 [is-Sibt], 9-10:30 [il-Ħadd]. Il-Kunsill qabel illi mat-tabella li ġiet imwaħħla f'triq San Tumas c/w triq it-Twemmin, nagħmlu l-ħinijiet li din il-parti tat-triq se tkun one-way. Dawn se jkunu kuljum mit-Tnejn u s-Sibt bejn il-5.15 u 8.15 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel ukoll illi jkun hemm tabella ta' "No access to triq San Tumas" f'triq il-Ħlantun c/w triq it-Twemmin, wara suġġeriment mill-kunsillier Publius Abdilla. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi ma jaqbilx illi tibqa 2 way.

3.15 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ma qabilx mal-opinjoni tal-Viċi Sindku Johan Mula [ref punt nru. 4.8] rigward x'ġara rigward triq San Pawl. Hu qal illi kella tibqa one-way permanenti u li l-eks leġislatura m'għamel l-ebda żball. Is-Sindku qal illi fil-passat kien qabel magħhom li tibqa one-way sakemm fetħu Valletta Road, Żurrieq.

3.16 Is-Sindku qal illi nhar il-Ħadd ta' qabel il-laqgħa ma tantx kien hemm postijiet tal-parkeġġ fl-area fejn qed jipproponi li nagħmlu postijiet tal-parkeġġ madwar l-area tal-ġnien ta' Dun Karm Vella. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ftit qabel il-laqgħa kien hemm ħafna postijiet. Il-Viċi Sindku qal illi l-ikbar problemi huma f'triq id-Dolmen. Is-Sindku u l-kunsillier Publius Abdilla ddeċidew illi mmorru fuq il-post wara l-laqgħa.

3.17 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi  għandna nagħmlu avviz illi fil-festi pubbliċi jinġabar iż-żibel, speċjalment fil-vaganzi li jaqgħu kull nhar ta' Tnejn peress illi mhux se jinġabar il-borża s-sewda nhar ta' Ħadd u Tlieta. Dan l-avviz għandu joħroġ fil-fuljett.

3.18 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara li rċieva l-istima biex nagħmlu 4 paġni oħra mal-fuljett ma qabilx illi kien bżonjuz illi nħalsu dak l-ammont biex forsi nsibu xi riklami oħrajn. B'hekk se nżommu mal-ftehim inizjali mal-UnionPrint.

3.19 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi nbiddel il-kennies. Il-Viċi Sindku Johan Mula staqsa jekk dan se jaqta l-ħaxix ukoll. Is-Sindku qal illi iva.

3.20 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk bdewx jiżbgħu il-bankijiet [ref punt nru 9.5]. Is-Sindku qal illi bdew iżda li m'hemmx bzonn li nixtru s-Sander.

3.21 Il-kunsillier Publius Adbilla qal illi ma qabilx mal-isem li kien hemm għal majjalata tas-Sibt 30 ta' Ġunju. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qabel ma dan il-punt. Ma qablux illi ma sarx konsultazzjoni fil-laqgħa rigward l-isem għall-attivita, waqt illi l-kunsillier Publius Abdilla qal illi jħoss illi l-ftehim sar bejn tlett kunsilliera u mhux ħamsa u li darb'oħra l-Kunsill kollu għandu jieħu dawn id-deċizzjonijiet. Il-Viċi Sindku Johan Mula ma qabilx u qal illi l-flyer, bl-isem, kienet fuq il-mejda tal-Kunsill fil-laqgħa preċedenti u dak il-ħin kellhom l-opportunita biex iqajmu dawn is-suġġerimenti. Il-kunsillier Publius Abdilla qal ukoll illi kien hemm ċertu ċajt illi hu, kif ukoll il-kunsillier Pietru Pawl Busutil, jemmen illi ma kienx adattat. Is-Sindku qal li fil-futur se jkun hemm nies oħra li jieħdu ħsieb id-divertiment u li sema ħafna affarijiet posittivi minn nies. Qal ukoll illi n-nies kienu jafu min se jkunu l-entertainers u b'hekk kellhom ideja dwar it-tip ta' ċajt illi kien se jkun hemm. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi stenna domanda aħjar għall-attivita, speċjalment għan-nies li ġew biex jisimgħu u jaraw is-show biss.

3.22 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandu jara mal-Go rigward il-Wi-fi fil-ġnien [ref punt nru. 9.7]. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi nistgħu naraw mal-MCA stess.

3.23 Il-punti msemmijin f'punt nru 9.10 tal-laqgħa preċedenti ġew irranġati. Dawn kienu tabella f'triq San Ġwann u arblu f'triq Carmelo Caruana: Politiku u Avukat. Is-Sindku qal illi hemm xi persuni illi qegħdin jagħmlu atti ta' vandalizmu madwar ir-raħal u waddbu siġġijiet fuq l-istages t'Arriva.

3.24 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dan l-ilment [ref: punt nru. 9.13] kellu jsir lil Transport Malta u mhux lil David Xuereb. Dan sar, iżda ma rċieva l-ebda risposta minn TM.

**4. Korrespondenza.**

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ħareġ l-istimi kollha li rċieva għax-xogħol tal-qtugħ tal-ħaxix. Dawn kienu:

Claudio Aquilina: €1550 VAT inkluz
Innovations Limited: €1400 VAT mhux inkluz
Joseph Zammit: €1100 VAT inkluz
Gaetano Galea: €1180 VAT inkluz

Is-Sindku qal illi se jara jekk nistgħu nużaw is-servizz tal-Gvern għal dan ix-xogħol fejn il-Kunsill ma jkollux għalfejn joħroġ sold iżda jaħdmu bil-mutur tal-Kunsill. Qal illi wara li ġara s-sena l-oħra qabel illi ma nużawx is-servizz tal-istess kumpanija li tefgħat kwotazzjoni.. Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa kemm għandhom idumu għal dan ix-xogħol iżda ħadd ma kellu risposta. Is-Sindku qal illi se jisma mid-Dipartiment matul dawn il-ġimagħtejn.

4.2 Is-sur Reuben Sciberras, Segretarju tar-Reġjun Nofsinhar, bagħat korrespondenza dwar l-eco wardens. Dan se jkun diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**5. Approvazzjoni tal-Pagamenti**

5.1 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku qal illi għalissa ma nħalsux il-kont tal-Kumitat Konġunt qabel ma naraw jekk dak hu l-ammont illi għandna nħalsuhom.

**6. Summer League**

6.1 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm sebgħa timijiet għall-League. Hu qed jistenna li jkun hemm sa 11.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi tkellem mas-sur Anthony Brigulgio rigward servizz tar-referees għall-logħob. Dan qal illi għandna nħalsu €13 kull logħba jew €25 kull żewġ logħbiet. Hu qal illi jieħu ħsieb ir-regolamenti.

6.3 Il-fixtures tal-logħob se jkunu lesti fil-ġranet li ġejjin wara l-laqgħa. Il-logħbiet kollha se jkunu wara it-8pm. Se jkun hemm laqgħa mar-rapprezentanti ta' kull tim it-Tlieta 10 ta' Lulju fis-7pm barra l-Kunsill.

6.4 Il-Kunsill se jara x'possibilitajiet hemm sabiex nieħdu sponsors għall-attivita.

6.5 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi għandna naraw ma' St. John's Ambulance biex jipprovdu First Aid waqt il-logħob.

6.6 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi se jkun hemm madwar 60 logħba. Ippropona wkoll illi niżbgħu il-ħitan tal-grawnd.

**7. Korsijiet**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi applikajna għall-korsijiet tal-LifeLong Learning. Qal ukoll illi se nieħdu sussidju għal dawn il-korsijiet iżda l-ammont ma jistax jaqbez €4000. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi għandna naraw kif nistgħu naħdmu ma' kunsilli oħrajn biex jekk ma jkunx hemm domanda qawwija minn nies tar-raħal, dawn xorta jkunu jistgħu jmorru għal korsijiet ġo rħula differenti. Dawn il-korsijiet se jkunu darbtejn fil-ġimgħa għal siegħa u nofs kull lezzjoni u rrid ikun hemm minimu t'għaxar parteċipanti. Il-Kunsill se jara jekk hemm domanda għalihom filgħodu jew filgħaxija.

7.2 Is-Sindku qal illi se noħorġu sejħa għal kors tad-Drama. Reġa qal illi l-Kunsill m'għandux il-flus biex jagħmel dan il-kors b'xejn.

7.3 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm kors tal-Health and Safety għal ħaddiema tal-Kunsill. Hu ħareġ kwotazzjoni għal dan il-kors. Il-Kunsill se jistenna għal iżjed kwotazzjonijiet.

7.4 Il-Viċi Sindku ppreżenta kwotazzjoni għal First Aid minn St. John's Ambulance. Il-kors se jiswa €420 għall-ewwel 12 il-persuna. Sa 15 il-persuna jista jagħmel dan il-kors u kull bniedem wara it-12 il-persuna għandu jħallas €35.

7.5 Il-kunsillier Publius Abdilla talab illi jkun hemm "writing club", minflok, jew mal- "reading club". Il-Kunsill qabel.

**8. Ħwejjeġ oħra**

8.1 Il-Viċi Sindku Johan Mula ppropona dawra mal-gzejjer Maltin fuq il-baħar. Hu ħareġ kwotazzjoni ta' Captain Morgan għal €25 kull persuna. Il-vjaġġ jibda minn Tas-Sliema u jdur sa' Kemmuna fejn in-nies jieqfu u jieklu hemm. Qal illi din is-soltu tiswa €45. Tfal taħt 12 il-sena imorru b'xejn. Se jkun hemm trasport mill-pjazza ta' Ħal Safi. Kwotazzjonijiet oħrajn kienu qabzu €35. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

8.2 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi kien diżappuntat ħafna illi twaqqfet il-ħarġa għall-Imnarja. Waqt illi qal illi qed jieħu pjaċir b'dawn il-ħarġiet u inizjattivi ta' din il-leġislatura, ma jħossx illi kellha titwaqqaf dik il-ħarġa, speċjalment għax kien hemm 15 il-persuna li kienu diġa applikaw. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi din it-talba qatt ma tresqet quddiem il-Kunsill, waqt illi s-sur Abdilla qal illi kien għarraf is-Sindku biha u kellu jressaqa hu, tant illi kienet illi l-iskrivana kienet ġabe il-kwotazzjonijiet għat-trasport.

8.3 Is-Sindku qal illi ġie surveyor tal-COMTEC u tagħna stima għal xogħol li għandu jsir fuq l-injam tal-librerija u fil-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-istima ġiet €102.66. B'dan se jsir fumigation għad-dud.

8.4 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandhom ineħħu l-injam illi hemm bejn l-iskola u l-librerija.

8.5 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna nagħmlu tabelli fuq l-istages t'Arriva li huma f'żoni residenżjali fejn ngħidu li n-nies għandhom juru rispett lejn in-nies li jgħixu madwar l-istops għax qed ikun hemm ħafna storbju u vandalizmu ma dawn il-postijiet. Kulħadd qabel.

8.6 Il-Viċi Sindku qal illi rċieva ħafna lmenti dwar il-klieb li hemm f'triq il-Ħajt Ruman, kif ukoll triq il-Biedja. Il-kunsillier Carlo Stivala ppropona li nsiru nafu minn hu s-sid tagħhom, waqt illi l-Viċi Sindku qal illi għandna nagħmlu talba lil Animal Welfare biex naraw x'inhuma l-possibilitajiet biex nieħdu ħsieb il-problema mingħajr ma nagħmlu l-ebda ħsara għall-klieb jew għar-residenti.

**9. Laqgħa li jmiss**

9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss ser tkun fis- 16 ta' Lulju 2012. wara deċizjoni unanimu tal-Kunsill taħt Art. 43 (2)

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |